MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## NADIA H. VELLA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 385/2013

Mobisle **Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Hebah Madi K.I. 308786(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu Is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€2646.30) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni, bin-numru 79931654, numru tal-kont *A/C 40182682*, liema servizzi ġew ikkuntratti permezz ta' kuntratt datat 25 t' Awwissu 2011;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġiet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€2646.30), bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta' Ottubru 2012, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, numerata 2417/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------